

Brussell, 19 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7115/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0041(NLE)

JAI 326
COPEN 49
EPPO 2
GAF 6

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6436/25
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("I-UPPE") - Adozzjoni

1. Fit-3 ta' Marzu, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("I-UPPE"). Il-proposta għandha l-għan li tiċċara li l-Kummissjoni hija responsabbli għall-pubblikazzjoni tas-sejħa miftuħa għall-kandidati għall-kariga ta' Kap Prosekutur Ewropew f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif meħtieġ mill-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.
2. Il-proposta ġiet ippreżentata fil-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI (COPEN) fit-3 ta' Marzu 2025 u sussegwentement ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Kriminali (COPEN) fit-13 ta' Marzu 2025, fejn ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni għall-proposta.

3. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 7126/25.
-